# FIR-RIŻQ ĦAŻIN U TAJJEB: ŻWIEĠ MILL-ĠDID WARA SEPARAZZJONI LEGALI

## RAPPORT FIL-QOSOR

TPPI
THE TODAY PUBLIC POLICY INSTITUTE

## Il-fatti

1. Falliment fiż-żwieġ huwa fatt tal-ħajja f'Malta llum. Matul is-snin bejn iċ-ċensiment tal-1995 u dak tal-2005, l-għadd ta' żwiġijiet annullati jew fejn divorzji barra minn Malta ġew rikonoxxuti lokalment, flimkien ma' dawk il-koppji li ħadu separazzjoni legali, żdied b'160%, minn ftit aktar minn 5000 għal aktar minn 13,000. L-għadd ta' separazzjonijiet legali biss żdiedu b'aktar minn 7000, minn ftit aktar minn 4000 għal aktar minn 11,000 fl-2005.

2. Minn dak inhar 'l hawn, kien hemm aktar minn 1000 każ ta' annullamenti mill-Knisja u ċivili, flimkien ma' 800 każ ieħor li għadhom pendenti. Matul l-istess żmien, kien hemm madwar 3500 applikazzjoni ġuramentata għas-separazzjoni jew li dwarhom bdiet medjazzjoni, kif ukoll aktar minn 1000 każ ta' separazzjoni pendenti bħalissa. Ġie stmat li l-għadd ta' żwiġijiet falluti ser jaqbeż il-35,000 sal-2015.

3. Dawn iż- żwiġijiet fallew anke jekk f'Malta m'hawnx divorzju.

## Il-ħtieġa li nikkunsidraw il-problemi

4. Soċjetà ċivilizzata trid tittratta l-konsegwenzi ta' żwiġijiet falluti kemm jista' jkun bi prudenza, ekwità u ġustizzja billi tipprovdi rimedji legali għall-proċess tajjeb meta ż-żwieġ jidher biċ-ċar li falla. Trid ukoll tinkoraġġixxi u ssostni l-istituzzjoni taż-żwieġ billi tagħti lill-familja għajnuna bla tlaqliq.

5. F'Malta, il-liġi tħalli persuni marbuta bi żwieġ jew li jiksbu divorzju barra minn Malta, jew li jkollhom iż-żwieġ tagħhom dikjarat li qatt ma eżista b'annullament, u fiż-żewġ ċirkostanzi jerġgħu jiżżewwġu. Alternattivament, l-iStat jirrikonoxxi li ż-żwieġ ta' koppja falla u jippermettilhom jisseparaw mingħajr ma jistgħu jerġgħu jiżżewwġu.

6. Għaldaqstant, l-element nieqes fis-sistema preżenti ta' separazzjoni legali – b'kuntrast mad-divorzju jew annullament – huwa li dawn il-persuni ma jistgħux jerġgħu jiżżewwġu. L-għan ta' dan ir-rapport hu li jikkunsidra jekk Malta għandhiex tintroduċi leġislazzjoni li tippermetti persuni li huma separati legalment li jiżżewwġu wara li ż-żwieġ tagħhom jinħall ċivilment.

7. Is-soċjetà u l-iStat għandhom interess jippromwovu, jinkuraġġixxu u jgħinu żwiġijiet stabbli, mibnija fuq sisien sodi. Biex inwaqqfu l-għadd ta' żwiġijiet li jfallu f'Malta, li qed dejjem jikber, il-gvern irid jieħu diversi passi. Ir-rakkomandazzjoni ta' programm ta' sitt punti għall-għajnuna liż-żwieġ fuq linji mfissra f'paragrafu 21 tar-rapport, huwa l-anqas li l-gvern għandu jimplimenta.

8. Iżda l-iStat għandu wkoll jiffaċċja r-realtà li – minkejja kull sforz biex dan jiġi evitat – żwiġijiet jibqgħu jfallu, u meta jiġri dan, għandu jagħti rikonoxximent legali lil dan il-fatt b'mod li jaċċetta l-bżonn li jgħin l-istituzzjoni taż-żwieġ bħala l-aħjar mezz għall-relazzjoni u familja stabbli, u mhux li jdgħajjifha. Dan ifisser kemm jista' jkun inaqqas il-ħsara mill-falliment u jevita l-konsegwenzi soċjali ħżiena minn relazzjonijiet li wara jistgħu jidħlu fihom.

## Ir-rwol tal-Knisja u l-iStat

9. Dwar iż-żwieġ il-Knisja u l-iStat għandhom interessi differenti, anke jekk dawn ma jeskludux lil xulxin. L-iStat, permezz tal-leġislaturi, irid jiddeċiedi dwar dak li hu l-aħjar fl-interess tas-soċjetà kollha u jżomm bilanċ bejn id-drittijiet umani u aspirazzjonijiet naturali tal-individwi u l-interessi tal-komunità u s-soċjetà kollha. Min jilleġisla għandu jikkunsidra lil dawk li m'humiex Kattoliċi, dawk li ma jaċċettawx it-tagħlim tal-Knisja u dawk konxjament jieħdu deċiżjoni li ma taqbilx mat-tagħlim tagħha.

10. Dak li hu ta' importanza fundamentali huwa li tinżamm distinzjoni bejn id-dritt ta' individwi li jħaddnu konvinzjonijiet marbuta ma' reliġjon, u d-dritt ta' oħrajn li ma jkollhomx konvinzjonijiet ibbażati fuq ir-reliġjon imposti fuqhom. Din id-distinzjoni tant kruċjali għal demokrazija matura, hija l-bażi għas-separazzjoni bejn Knisja u Stat – qagħda li kif emfasizza l-Arċisqof hija aċċettata mill-Knisja f' Malta.

11. Ma jsegwix li żwieġ li jinħall għandu jċaħħad il-libertà għall-prattika reliġjuża lil dawk li konxjenzjożament jopponuha. Għalkemm it-twemmin reliġjuż ta' persuna ma jippermettix id-divorzju, il-libertà tal-prattika

religjuża u t-twemmin m'humiex mhedda meta nħallu lil min hu separat legalment jerġa' jiżżewweġ.

12. Jekk l-iStat ikompli jċaħħad id-dritt li żwieġ jinħall ċivilment wara separazzjoni legali, ma jistax jagħmel hekk fuq bażi tat-twemmin reliġjuż ta' parti mis-soċjetà, kbira kemm hi kbira. Leġislazzjoni dwar id-divorzju ma tisfurza lil ħadd li jibdel il-ħsieb morali tiegħu jew tagħha dwar iż-żwieġ.

## Il-ħtieġa li nħarsu relazzjonijiet stabbli

13. Persuni separati legalment huma mċaħħda mid-dritt li jerġgħu jiżżewwġu. Skond il-liġijiet tagħna, jekk jiffurmaw relazzjoni ġdida ma jkunx hemm kap jew mara iżda sempliċement koppja li tikkoabita. Jidher tabilħaqq fl-aħjar interess tas-soċjeta' li nfittxu biex insewwu din l-inekwità. Dan huwa bżonn ċiviku li l-iStat irid jikkunsidra.

14. Il-mod ovvju biex tissewwa din huwa li tirregolarizza akkoppjament ġdid billi tapplika għalih il-provedimenti tal-liġi dwar iż- żwieġ u aspetti oħra tal-liġi ċivili. Dan ikun possibbli jekk ikun hemm leġislazzjoni dwar żwieġ mill-ġdid wara separazzjoni legali u x-xoljiment ċivili taż-żwieġ.

15. Fl-evalwazzjoni ta' liġi bħal din, il-fatturi determinanti għall-iStat għandhom ikunu dak li titlob il-ġustizzja u l-ġid komuni tas-soċjeta'. Stat demokratiku lajk, marbut mal-pluraliżmu u kommess għad-drittijiet ċivili ta' kull individwu, għandu jagħmel ġustizzja maċ-ċittadini kollha u b'hekk isaħħaħ l-għaqda fis-soċjeta' kollha.

## Iż-żwieġ huwa l-forma preferita

16. Iż-żwieġ huwa pilastru vitali tas-soċjetà. Għalhekk l-iStat għandu d-dritt u d-dmir li jirregolah. Għandu jikkunsidra l-interessi tal-individwi nvoluti: il-miżżewwġin, it-tfal (fejn hemm l-ulied) u dawk il-persuni miżżewwġa t-tieni darba.

17. L-iStat għandu jifli ukoll l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali, psikoloġiċi u oħra taż-żwieġ wara separazzjoni legali. Fl-istess waqt għandu jikkunsidra kif l-introduzzjoni ta' xoljiment ċivili jista' jolqot l-istituzzjoni taż-żwieġ.

18. Id-dritt ta' individwi li bil-kuxjenza kollha jagħżlu r-relazzjonijiet domestiċi u familjari tagħhom u li jistennew rispett u rikonoxximent ta' l-għażliet tagħhom mill-iStat, flimkien mal-benefiċċji aktar wiesgħa lis-soċjeta' mill-istabilta' li jagħti żwieġ mill-ġdid, huma fundamentali. Rispett għal dawn id-drittijiet ma jmurx kontra l-interessi tal-iStat li jsostni ż- żwieġ iżda jsaħħahom.

## Il-ħtieġa għall-bidla

19. Meta ma tirrikonoxxix it-tieni relazzjoni bħal fil-każ ta' Malta llum, tkun qed timmina l-istituzzjoni taż-żwieġ u tal-familja. Il-leġislaturi tal-iStat għandhom id-dmir li jagħtu liċ-ċittadini l-libertà kollha li tkun konsistenti mad-drittijiet tal-oħrajn kif ukoll tarbitra għall-ġid komuni.

20. Il-pożizzjoni li l-leġislaturi għandhom jieħdu dwar il-kwistjoni ta' żwieġ mill-ġdid wara separazzjoni legali, għalhekk għandha tkun li jiżen il-fatturi kollha skond l-interessi tal-kommunita sħiha u mhux sempliċiment fuq bażi ta' fehmiet privati morali u reliġjużi dwar iż-żwieġ. Il-leġislaturi għandhom ifittxu l-aħjar tweġiba li tkun tal-akbar benefiċċju għas-soċjetà Maltija kollha.

21. Iż-żwieġ hu kuntratt legali maħluq b'rieda libera u razzjonali ta' raġel u mara. Iżda, anke bl-akbar rieda tajba, iż-żwieġ jista' jitkisser. Sakemm il-bniedem jibqa' uman żwiġijiet jibqgħu jfallu. L-iStat għandu d-dmir li jħares il-familja anke meta ż-żwiġijiet ifallu.

22. F'Malta il-każ ta' xoljiment ċivili fl-aħħar mill-aħħar huwa li tħalli lil dawk li ż-żwieġ tagħhom falla u li huma separati legalment li jerġgħu jiżżewwġu għax fl-aħħar mill-aħħar dan jipprovdi aktar u mhux anqas stabilta' lis-soċjeta'.

**Possibiltajiet miftuħa**

23. Il-mistoqsija fundamentali li aħna bħala ċittadini u l-iStat għandna nistaqsu lilna nfusna hi: bħala soċjetà għandna nċaħħdu persuni separati milli jibdew relazzjoni ġdida bażata fuq żwieġ, jekk jixtiequ hekk?

24. Meta jwieġeb għal din il-mistoqsija l-iStat għandu tlett għażliet. L-ewwel li jħalli kollox kif inhu. It-tieni li sempliċement jiffoka fuq li jirfina l-arranġamenti li ġà jeżistu dwar il-koabitazzjoni bejn raġel u mara waqt li jħalli provedimenti legali oħra dwar falliment ta' żwiġijiet bla ma jibdilhom. It-tielet triq hi li jintroduċi leġislazzjoni li tippermetti żwieġ mill-ġdid wara separazzjoni legali u xoljiment ċivili taż-żwieġ.

25. Li kollox jibqa' kif inhu m'għadhiex aktar għażla. Il-qagħda tal-lum hi intollerabbli u tista' biss tiħżien. Il-provedimenti legali li jeżistu m'humiex biżżejjed, l-għadd dejjem jikber ta' żwiġijiet li jfallu hu allarmanti u l-effetti fuq is-soċjetà aktar ma jmur aktar isiru insostenibbli.

26. Il-passi biex jissaħħu ż-żwiġijiet Maltin kif propost f'paragrafu 21 tar-rapport hemm bżonn jittieħdu malajr u b'determinazzjoni mill-gvern. Iżda jkunu xewqat fiergħa li nissopponu li x-xejriet ta' żwiġijiet li jfallu fis-soċjetà Maltija ser jinbidlu. L-aktar li jista' jiġri hu li jonqsu.

27. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' titjib tal-qagħda legali ta' koppji li jgħixu flimkien, forsi wieħed jista' jaħseb li l-introduzzjoni ta' salvagwardji dwar il-qagħda tat-tfal imwielda lil dawn il-koppji u d-drittijiet tagħhom għall-propjetà, jipprovdu soluzzjoni. Li tipprovdi regolamenti legali aħjar għal dawk l-irġiel u n-nisa li jikkoabitaw hu mixtieq għal ordni aħjar, imma din hi soluzzjoni parzjali u mhux tajba biżżejjed biex tfejjaq il-mard soċjali tal-lum.

28. Għall-kuntrarju, li tħares il-koabitazzjoni jkun inkompatibbli mal-inkoraġġiment lill-istabilità li toħroġ miż-żwieġ. Proċess legali ordnat għandu jiżgura li meta jkun hemm falliment fiż-żwieġ, dan ikun regolat b'mod tajjeb li jnaqqas u mhux iżid l-impatt fuq is-soċjetà.

**Trattament tal-oġġezzjonijiet għal żwieġ ġdid wara separazzjoni legali**

29. Is-separazzjoni legali jew id-divorzju mhumiex il-kawża tal-falliment taż-żwieġ, iżda mezz ta' kif jonqsu l-effetti negattivi fuq is-soċjeta` ta' żwiġijiet li fallew u li tippermetti persuni li jixtiequ jibnu ħajjithom mill-ġdid li jagħmlu hekk.

30. Ir-rikonoxximent tat-tieni relazzjoni ġenwina, li llum huma żwiġijiet għall-finijiet kollha ħlief għall-isem, jista' biss jimbotta l-kawża ta' l-istituzzjoni taż-żwieġ u mhux idgħajjifha.

31. Xoljiment ċivili wara żwieġ fallut itemm iż-żwieġ u jippermetti l-partijiet jerġgħu jiżżewwġu mill-ġdid, filwaqt li separazzjoni legali wara falliment taż-żwieġ ittemm iż-żwieġ iżda ma tippermettix żwieġ mill-ġdid. Bħalissa s-soċjetà tħallas prezz għoli biex iżżomm il-kunċett ta' żwieġ li ma jinfiridx u tat-tama li koppji mifruda xi darba jerġgħu jingħaqdu. Ma jagħmilx sens li twarrab koppji separati legalment u ma tħallihomx jipparteċipaw aktar f'ambjent ta' familja b'saħħita u stabbli li żwieġ ġdid joffri.

32. Hu allegat li d-divorzju jibdel iż-żwieġ f'arranġament kontrattwali temporanju. Dan hu inġust u fehma żbaljata dwar ir-raġuni għaliex koppji jingħaqdu fi żwieġ u, aktar pertinenti, kemm żwieġ li jinkiser iġib uġigħ. Iż-żwieġ tabilħaqq huwa kuntratt. Iżda li targumenta li billi kuntratt jista' jinħall bilfors għandu jwassal biex ħafna – jew xi ħadd – ma jikkommettix ruħu qabel kollox biex jirnexxi ż-żwieġ, mhux aċċettabli u ħażin.

33. Fi żwieġ li jirnexxi ħadd ma jrid jiddivorzja. Ħadd ma jiżżewweġ bl-intenzjoni li jiddivorzja. Ix-xoljiment taż-żwieġ wara separazzjoni legali sempliċement tippermetti l-partijiet ta' żwieġ imkisser u li spiċċa li jaċċettaw legalment li ntemm u li jkunu ħielsa biex jerġgħu jiżżewwġu.

34. Dawk li jopponu żwieġ mill-ġdid u fl-istess waqt jaċċettaw separazjoni legali jsemmu soċjetajiet oħra tal-punent fejn jaraw kollass mifrux taż-żwieġ meqjus bl-inċidenza tad-divorzju. Iżda meta llum inħarsu madwarna nsibu dan il-kollass prevalenti f'Malta wkoll. L-unika differenza hi li hawn il-falliment jitqies bl-għadd ta' żwiġijiet falluti, mhux bl-għadd ta' applikazzjonijiet għal divorzju.

35. Li ma hawnx permess li terġa tiżżewweġ wara separazzjoni legali żġur ma skansatx lil Malta mill-uġigħ u t-tensjoni u n-nuqqas ta' stabilità taż-żmien modern. Dak kollu li wettaq hu li għamel il-ħajja aktar diffiċli u mħarbta aktar milli hemm bżonn lil ħafna nies li nqabdu f'din is-sitwazzjoni.

36. Meta tgħid li x-xoljiment ċivili taż-żwieġ wara separazzjoni legali tikkawża ksur fiż-żwieġ, aktar minn rimedju, hu daqs li kieku tgħid li operazzjoni tal-qalb hija marda, mhux kirurġija rimedjali. L-argument li d-dħul ta' liġi li tippermetti żwieġ mill-ġdid iżżid il-possibilta' ta' tkissir ta' żwiġijiet jew joħloq "mentalità tad-divorzju" huwa fjakk u vojt f'kuntest fejn il-koabitazzjoni hija possibbli u prevalenti u fejn żwiġijiet mkissra huma bosta.

37. Jekk dawk li jopponu ż-żwieġ wara separazzjoni legali tassew jemmnu li d-divorzju hu l-kawża diretta ta' żwieġ imkisser, loġikament jopponu wkoll is-separazzjoni legali. Madankollu, ma jikkonkludux li separazzjoni legali, li issa ilha parti mill-liġi Maltija għal aktar minn seklu, għandha tiġi pprojbita. Dak li attwalment jopponu hu d-dritt li jerġgħu jiżżewwġu. Persuni li jfittxu xoljiment ċivili, iridu rimedju ċivili skond il-liġi għal żwieġ komplut.

**Il-konsegwenzi ta' żwieġ wara separazzjoni**

38. Hemm opinjonijiet konfliġġenti dwar l-effetti tad-divorzju fuq l-ulied. Riċerka f'dan il-qasam hija diffiċli għax mhux possibbli li tiġġeneralizza b'validità dwar iż-żwieġ, jew dwar problemi fiż-żwieġ u s-soluzzjonijiet għal dawn il-problemi. L-istampa li toħroġ mir-riċerka turi li s-suġġett hu kkomplikat ħafna.

39. Minkejja l-għadd ta' żwiġijiet mkissra f'Malta, hemm ftit li xejn riċerka komprensiva dwar dan is-suġġett. Riżultati konfliġġenti joħorġu minn bosta studji u riċerka li saru f'pajjiżi oħra. B'dan ma niskantawx meta wieħed iqis ix-xejra komplessa u varjabbli tas-suġġett u l-fatt li kull każ hu determinat mill-kuntest partikolari u l-isfond tal-falliment.

40. Madankollu, b'mod ġenerali l-ebda studju ta' riċerka ma jiċħad li l-proċess ta' falliment fiż-żwieġ – kemm jekk ġej minn separazzjoni legali jew minn divorzju – jista' jkun ta' ħsara għall-ulied. Hemm ftit wisq riċerka li tiffoka speċifikament fuq l-effetti differenti tad-divorzju, separazzjoni legali jew, verament l-għerq tal-problema, li hu n-nuqqas ta' qbil matrimonjali u l-istess falliment. Riċerka ta' din ix-xorta tkun influwenzata mid-diffikultà ċara li l-konflitt li jiġi minn falliment fiż-żwieġ hu marbut ħaġa waħda mad-divorzju jew separazzjoni legali li ssegwi.

41. Iżda fuq kollox, nuqqas ta' ftehim, konflitt u falliment fiż-żwieġ huma fil-qalba tal-problema. Dan hu li jikkawża l-ħsara emozzjonali ewlenija fit-tfal u ħażin min jgħid b'mod kategoriku li hija l-esperjenza tad-divorzju li tagħmel ħsara lil ulied. Xoljiment ċivili wara separazzjoni legali huwa mezz li jwieġeb għall-problema billi jiżgura li l-ġenituri u l-ulied jistgħu wara ksur fiż-żwieġ ikomplu jgħixu ħajjithom f'ambjent fejn hemm anqas konflitt u fejn stabilita' fi żwieġ ġdid hija possibli.

42. Wara falliment ta' żwieġ hemm konsegwenzi finanzjarji li ma jistgħux jiġu evitati, kemm jekk bħala riżultat tal-arranġamenti eżistenti dwar separazzjoni legali jew divorzju. Iżda l-kbar u t-tfal mhux bilfors ikunu agħar milli huma llum skond il-prattika ta' separazzjoni legali.

43. Xoljiment ċivili u żwieġ mill-ġdid la jżid u lanqas inaqqas minn dan id-dmir tal-leġislaturi li jirregolaw l-affarijiet finanzjarji ta' koppja li qed tissepara, kemm jekk hija separazzjoni legali jew divorzju. Il-konsegwenzi finanzjarji huma komuni kemm għal separazzjoni legali kif ukoll għad-divorzju u m'hemmx każ prima facie li wieħed jaħseb li xoljiment ċivili taż-żwieġ wara separazzjoni legali jżid il-piż fuq min iħallas it-taxxi. Il-piż ekonomiku fuq min iħallas it-taxxi għall-ħlas ta' benefiċċji, akkomodazzjoni soċjali u għajnuna oħra mogħtija llum huma kkawżati minn separazzjonijiet legali. Illum ikollna nġorru dawn il-piżijiet kemm jekk jidħol id-divorzju u kemm jekk le.

## Konklużjonijiet

44. Naslu għall-konklużjoni li:

- L-Argumenti favur l-introduzzjoni ta' liġi li tippermetti persuni separati legalment li jerġgħu jiżżewwġu wara li ż- żwieġ tagħhom jinħall ċivilment huma ferm akbar mill-iżvantaġġi;
- Id-dritt ta' individwu li jagħżel ir-relazzjonijiet domestiċi u familjari u li jistenna rispett u rikonoxximent li jistħoqqlu mill-iStat  huwa fundamentali;
- Iżda huwa vitali li rimedju leġislattiv meta jidħol fis-seħħ ikun ġust, ċivili, li jħares l-interessi ta' l-ulied u sensittiv għall-ħtiġijiet, għall-ħarsien u s-sigurtà tal-partijiet f'xoljiment ċivili;
- Il-kawża favur xoljiment ċivili wara separazzjoni legali fl-aħħar mill-aħħar hija kawża li tippermetti lil dawk li ż-żwieġ tagħhom tkisser u li huma separati legalment li jerġgħu jiżżewwġu. Hija biċ-ċar fl-interessi u l-ġid komuni tas-soċjeta' u att ta' ħaqq u ġustizzja, li nfittxu li nirranġaw dan in-nuqqas.
- Li m'hawnx divorzju ma tnaqqasx mill-uġiegħ u t-tensjoni  u n-nuqqas ta stabbilta' tas-soċjeta' moderna. Serva biss biex jagħmel il-ħajja aktar diffiċli lil ħafna li nqabdu f'din is-sitwazzjoni;
- Meta tagħti rikonoxximent legali lit-tieni relazzjoni, li hija żwieġ ħlief għall-isem, billi tippermetti żwieġ mill-ġdid, għandu biss iqawwi l-kawża u mhux idgħajjef l-istituzzjoni taż-żwieġ.

## Rakkomandazzjonijiet

- Għaldaqstant huwa rrakkomandat li l-gvern idaħħal leġislazzjoni biex persuni li huma separati jkunu jistgħu jerġgħu jiżżewwġu jekk iridu wara x-xoljiment ċivili taż-żwieġ tagħhom.
- Huwa wkoll irrakkomandat li l-qafas leġislattiv għandu jinkludi l-karatteristiċi f'paragrafu 93 tar-rapport, msaħħah b'infrastruttura soċjali kif propost f' paragrafu 95.

TPPI

THE TODAY PUBLIC POLICY INSTITUTE